**Kunsill Lokali Ghasri**
**6 Triq Dun Karm Caruana, Għasri, Għawdex.**
**(Tel. No. 21558686 - Fax No. 21558655)**

*Ref. Nru. VI/36*

Minuti tal-Laqgħa Nru. 36 tal-Kunsill Lokali Għasri (is-Sitt Terminu), li nżammet nhar L-Erbgħa, 27 ta' April 2011 fis-7.30p.m. fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill.

Il-laqgħa kienet preseduta mis-Sindku s-Sur Andrew Vella.

Membri oħra tal-Kunsill li kienu preżenti :

Is-Sur Emmanuel Mintoff (Viċi Sindku)
Is-Sur Frank Formosa
Is-Sur Joseph Farrugia
Is-Sinjura Renance Vella Aquilina

**1. Talba**
Fil-bidu tal-laqgħa s-Segretarju u l-Kunsillieri qalu t-talba.

**2. Introduzzjoni.**
Is-Sindku Andrew Vella għamel introduzzjoni qasira dwar it-tibdil fis-Segretarju Eżekuttiv. He beda biex spjega li s-Segretarju Eżekuttiv Joe Camilleri talab biex jirtira u fil-fatt bħalissa qiegħed bil-pre-Retirement Leave. Is-Sindku talab parir lid-Dipartiment tal-Gvern Lokali u qalulu għalissa ser jaħtru Aġent Segretarju Eżekuttiv u l-istess Dipartiment ħatar lil Carmelo Grima biex għalissa jmexxi l-Kunsill. Is-Sindku kompla jgħid li f'isem il-Kunsill kollu jirringrazzja lil Joe Camilleri u żgur li jixraqlu jkun rikonoxxut għax-xogħol li għamel sa mit-twaqqif tal-Kunsilli Lokali. Is-Sindku qal imbagħad li jaf lis-Segretarju Carmelo Grima u jinsab ċert li ser jaħdem miegħu u għandu fiduċja sħiħa fih.

L-Aġent Segretarju Carmelo Grima imbagħad introduċa lilu nnifsu mal-Kunsillieri u qal li hu ħadem f'Dipartimenti tal-Gvern, fid-Depot tal-Pulizija, id-Dipartiment tal-Emigrazzjoni, tas-Servizzi Soċjali u l-Labour Office. Ħadem ukoll bħala Segretarju tal-Kunsill tan-Nadur, Ta' Kerċem u taż-Żebbuġ Għawdex. Hu qal li kemm idum hawn ser jagħmel ħiltu kollha biex iżomm il-Kunsill tal-Għasri miexi 'l quddiem. Kompla jgħid li hu ser jgħin lil kull Kunsillier u jaqdi lin-nies tal-Għasri bl-aħjar mod li jista'

**3. Approvazzjoni tal-Minuti tal-laqgħa preċedenti.**
Quddiem il-Kunsill tressqu l-Minuti ta' l-aħħar Seduta Nru. 35. Peress li l-minuti kienu tqassmu qabel il-laqgħa, dawn ġew meħuda bħala moqrija.

**4. Emendi għall-Minuti tal-laqgħa pre1edenti**

Għal dawn il-minuti kif ippreżentati, ma tressqux emendi u għalhekk dawn kienu meħuda bħala korretti. Ġew iffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

**5. Materji mill-Minuti tal-Laqgħa preċedenti**
**5.1. Appell fuq Tenders tal-Knis u Bulky Refuse.** Is-Sindku qal li dan l-Appell imressaq minn Bugeja Bros. il-Kunsill Lokali għadu jistenna li tittieħed id-deċiżjoni mill-Bord li sema' l-Appell.

**5.2. Enerġija Alternattiva.** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-Proġett ta' Enerġija mir-Riħ ġie approvat mis-Sindki ta' Għawdex. Hu qal li qed jagħmel ħiltu kollha biex dan il-proġett isir realta' u għalhekk qed nagħtuh l-appoġġ. Is-Sindku qal li hekk kif ikollu xi informazzjoni jgħaddiha lill-membri kollha.

**5.3. Drenaġġ fil-Wied ta' Feliċi.** Joseph Farrugia ġibel l-attenzjoni tal-Kunsill li dan l-ilment għadu ma ġiex irranġat. Is-Segretarju għandu jiċċekkja mad-Dipartiment tal-Gvern biex id-Drenaġġ in kwistjoni jitranġa.

**5.4. Bankina fi Triq Għammar.** Dwar dan l-ilment is-Sindku qal li g]adu ma ltaqax ma'sid il-propjeta sabiex jara x-xog]lijiet li jistg]u jsiru.

**5.5. Tiswija fi Triq Wied il-Għasri.** Il-Viċi Sindku qal li din it-triq issewwiet kif kien propost i.e. bit-Torba u ġiet fi stat ta' manutenzjoni tajjeb.

**5.6. Skart fi Triq l-Għasri.** Inġibdet l-attenzjoni għal Wied is-seqer. It-tindif ta' dan il-Wied għadu ma sarx. Il-Kunsill għandu jara li jitnaddaf kemm jista' jkun malajr.

**5.7 Bankina fi Triq il-Fanal**
Inġibdet l-attenzjoni għal din il-bankina iżda ġie nnotat li GO plc iridu jgħaddu fibre Optic u l-Enemalta qalu li jridu jaqilgħu l-arbli kollha. Il-Perit Saliba ma għamilx ix-xogħol li kellu jagħmel u għalhekk il-Kunsill iddeċieda li nagħtu 15-il ġurnata żmien lill-Perit John Saliba biex jara jekk hux bi ħsiebu jkompli bix-xogħol tiegħu fuq din it-triq, inkella nsibu perit ieħor. Is-Segretarju għandu jikkomunika mal-Perit Saliba.

**6. Korrispondenza**
6.1. Ittra ta' Ħatra ta' Aġent Segretarju Carmelo Grima
6.2. Stedina mill-Parro11a ta' Sannat
6.3. Stedina mill-Kunsill Lokali taż-Żebbuġ Għawdex
6.4. Stedina għal seminar mill-MCESD 5 u 6 ta' Mejju 2011
6.5. Stedina mill-Parroċċa tax-Xagħra
6.6. Programm ta' attivitajiet għaż-żgħażagħ Awstrijaċi - Gudrun Moggach
6.7. Memo 36/2011 Rapporti Pubbliċi fuq www.lc.gov.mt
6.8. Memo 37/2011 Attivitajiet Kulturali-
6.9. Memo 38/2011 il-50 Anniversarju mill-Mewt ta' Dun Karma Psaila
6.10, Ittra mill-Kunsill Lokali – Kont fuq rapport minn Dr. Chris Cilia

**7. Mozzjonijiet**
**Attivitajiet għal nhar il-Festa tal-Għasri**. Il-Kunsill iddiskuta din il-materja u qabel unanimament li l-attivitajiet li saru s-sena l-oħra jerġgħu jsiru. Il-Kunsill għamel il-15 ta' Mejju bħala closing date għal dawk li ser jieħdu sehem. Il-Kunsill qabel ukoll li

jsiru t-Tiġrijiet tal-ponies. Joe Camilleri għandu jieħu ħsieb it-T-Shirts u t-Tazzi għall-premjijiet.
Il-Kunsill għandu jieħu ħsieb li jistampa leaflet.

**8. Materji Ohra**
***8.1*** ***Off-Roading*** **fuq l-Għolja Ta' Ġordan.** Is-Sindku għandu jressaq dan l-ilment fil-laqg]a mal-Ispettur tal-Pulizija fuq dan l-Off Roading biex jinqatgħu l-abbużi.
**8.2** Joseph Farrugia qal li l-bozza tat-triq ta' maġenbu inqalgħet u twaħlet f'post ieħor. Hu talab biex din terġa' teħel fejn kienet..

**9. Ħlas ta' Kontijiet**
Quddiem il-Kunsill tressqet l-iskeda ta' pagamenti biex ikunu approvati mill-Kunsill. L-iskeda kif ippreżentata ġiet aċċettata mill-Kunsill.
Kopja ta' din l-iskeda qed tinhemeż mal-minuti.

Il-laqgħa li jmiss ġiet appuntata għal nhar il-Ġimgħa 27 ta' Mejju, 2011 fis-7.30p.m.

Il-laqgħa tal-lum intemmet fit-9.15p.m.

Andrew Vella
Sindku

Carmelo Grima
A/Segretarju Ezekuttiv

Data : ______________